**15 ta' Diċembru, 1997**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

A

*versus*

B

**Separazzjoni Personali - Komunjoni ta' l-Akkwisti - Kura u Kustodja - Manteniment**

*Il-Qorti ta' l-Appell varjat f'xi kapi minħabba kambjament fiċ-ċirkostanzi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti. Meritu essenzjalment fattwali u r-riforma tirrigwarda kura u kustodja tal-minorenni u manteniment.*

Il-Qorti:-

Fil-25 ta' Mejju, 1993, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat din is-sentenza bejn il-kontendenti odjerni, li l-punti l-aktar saljenti tagħha sejrin jiġu riportati:

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportunni;

Billi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti konjugi ma għadhiex aktar possibbli minħabba abbandun, servizzi, eċċessi, minaċċi, inġurji gravi u adulterju da parti tal-konvenut;

U billi miż-żwieġ tagħhom il-partijiet kellhom żewġ ulied jisimhom C u D rispettivament ta' seba' u erba' snin magħluqa:

U billi l-konvenut la qiegħed imantni lill-martu u lanqas lill-uliedu;

Talbet li dina l-Qorti:

Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għall-ħtija tal-konvenut;

Tiġi awtorizzata l-attriċi tgħix separata minn żewġha;

Taffida fil-kura u kustodja tagħha l-attriċi l-ulied minorenni fuq imsemmija C u D;

U Tapplika interament jew in parti d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 56, 58 u 64 (1) tal-Kodiċi Ċivili u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż ta' dina l-kawża;

*Omissis*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li fiha hu eċċepixxa:

Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi mhux veru dak allegat mill-attriċi fiċ-ċitazzjoni kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, però l-eċċipjent jaqbel li l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti m'għadhiex aktar possibbli iżda minħabba tortijiet ta' l-attriċi kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u għalhekk is-separazzjoni personali għandha tiġi pronunzjata b'tort ta' l-attriċi li għandha titlef id-drittijiet kollha inkluża dik għal manteniment u l-kustodja tat-

tfal tiġi fdata lill-konvenut, bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi;

*Omissis*;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Marzu, 1986 li permezz tiegħu ġie nnominat bħala perit legali l-Avukat Dottor Tonio Mallia biex ifittex jirrelata dwar it-talbiet attriċi wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet issollevati u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha neċessarji;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit legali li tinsab a fol. 214 *et seq* tal-proċess u li ġiet minnu debitament ikkonfermata fl-udjenza tal-25 ta' Novembru, 1992;

*Omissis*;

Illi l-attriċi ppreżentat din iċ-ċitazzjoni ħalli l-Qorti tiddeċidi s-separazzjoni personali tagħha minn ma' żewġha u dan minħabba tortijiet tiegħu u għamlet ukoll talba dwar il-kura u l-manteniment ta' l-ulied u ukoll għat-terminazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

*Omissis*;

Il-kontendenti xehdu fit-tul u anke ressqu bosta xhieda oħra u dawn wasslu lill-perit legali jikkonkludi li ż-żewġ partijiet kienu responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ;

Illi l-Qorti kellha okkażjoni tisma' kemm lill-konvenut kif ukoll lill-konkubina tiegħu u ma tistax ma tirrilevax li kienet tassew impressjonata mhux biss mill-gideb sfaċċat tagħhom imma anke mill-presunzjoni tagħhom li wasslithom biex jaħsbu li l-Qorti kienet ser temmen il-versjoni tagħhom;

*Omissis*;

Illi, però mir-riżultanza proċesswali l-Qorti taqbel mal-perit legali li l-attriċi setgħet ukoll ikkontribwit għat-tkissir taż-żwieġ bejn il-kontendenti u mhux ser tidħol aktar a fondo dwar dan il-punt anke peress li ma hemmx dubbju li ż-żwieġ tkisser irremedjabbilment u l-attriċi ma talbitx ebda manteniment għaliha;

Illi l-Qorti taqbel mar-rapport peritali li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti għandha tiġi terminata;

Illi dwar id-diviżjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-Qorti *taqbel li l-ammont li kien baqa' meta sar il-bejgħ tal-proprjetà* msemmija - kien Lm2,000 jew Lm3,000 - dan il-bilanċ kien f'idejn il-konvenut bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u għalhekk, peress li ma ġiebet ebda provi li dawn kienu għahom għandu meta ġiet intavolata l-kawża, ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-komunjoni;

*Illi l-Qorti taqbel li* s-somma ta' *Lm600 għall-oġġetti totali* li nbiegħu waqt iż-żwieġ għandhom jiġu lilha mħallsa, għandha ukoll titħallas nofs il-valur tal-karozza u ta' l-istereo li n-nofs tagħhom ġie vvalutat mill-abbli perit legali fis-somma ta' Lm800 ma' liema valur il-Qorti taqbel;

Illi dwar l-ammont ta' manteniment, il-Qorti taqbel li dak li qal il-konvenut dwar is-sehem tiegħu fil-ħanut intitolat lill-imsemmija E, huwa *proprio* l-oppost tal-verità; dan ifisser li b'ħanut bħal dak imsemmi u bil-kapaċità u l-bżulija tal-konvenut; l-introjtu tiegħu huwa sostanzjali u l-Qorti tifhem li l-ammont ta' manteniment li l-konvenut għandu jħallas għaż-żewġ uliedu lill-attriċi għandu jkun ta' erbgħin lira fil-ġimgħa u għandu jiżdied perjodikament skond l-indiċi ta' l-għoli tal-ħajja;

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' l-abbli relatur dwar il-partizzjoni ta' l-ispejjeż anke fid-dawl tax-xhieda tal-konvenut u ta' kemm żmien ma ħallasx ebda manteniment;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel domanda b'dan però li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti peress li ż-żwieġ bejniethom *tkisser irrimedjabbilment u minħabba nuqqasijiet li għalihom* ikkontribwixxu ż-żewġ kontendenti, tilqa' t-tieni domanda kif edotta fiċ-ċitazzjoni, tilqa' t-tielet talba u taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri C u D f'idejn l-attriċi u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi bħala manteniment għall-imsemmija ulied is-somma ta' erbgħin lira (Lm40) fil-ġimgħa dovuti għoxrin lira (Lm20) għal kull minuri, pagabbli fid-dar tar-residenza ta' l-attriċi, liema ammonti għandhom jiġu riveduti kull tliet snin a bażi taż-żidiet fl-indiċi uffiċjali ta' l-għoli tal-ħajja; tilqa' ukoll limitatament ir-raba' talba u anke in forza ta' l-artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwiti eżistenti bejn il-kontendenti u anke fid-dawl tal-verbal konġunt fi-seduta tas-27 ta' Marzu, 1992 tassenja lill-attriċi bħal sehmha per saldu mill-imsemmija komunjoni, l-oġġetti kollha inkluż deheb ta' użu tagħha personali li preżentement jinsab fil-pussess tagħha kif ukoll l-użufrutt tal-beni kollha li fadal tal-komunjoni u li ukoll jinsab fil-pussess tagħha, bl-intiża li wara dawn jitgawdew mill-ulied komuni, u s-somma ta' tmien mitt lira (Lm800) li l-attriċi għandha tirċievi mingħand il-konvenut, waqt li lill-konvenut tassenjah per saldu ta' sehmu mill-imsemmija komunjoni l-oġġetti kollha personali tiegħu li preżentement jinsabu fil-pussess tiegħu, kif ukoll il-karozza Fiat 128 reġistrata f'ismu u l-*video equipment* li ukoll qiegħed għandu u qed jiġi ukoll ikkundannat iħallas lill-attriċi bħala tpaċija għd-diviżjoni tal-komunjoni, is-somma ta' tmien mitt lira (Lm800) fi żmien xahrejn minn din is-sentenza u fil-każ ta' nuqqas jibdew jiddekorru l-interessi ta' 8 fil-mija minn dik id-data; tilqa' din id-domanda relattivament għall-artikolu 58

(illum 50) tal-Kodiċi Ċivili u filwaqt li tawtorizza l-attriċi li żżomm l-oġġetti dotali li preżentement jinsabu f'idejha, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' sitt mitt lira (Lm600) għall-oġġetti dotali li nbiegħu tul iż-żwieġ; din is-somma ukoll għandha titħallas fi żmien xahrejn minn din is-sentenza u fil-każ ta' nuqqas jibdew jiddekorru l-interessi ta' 8 fil-mija minn dik id-data; tilqa' ukoll din id-domanda in kwantu tirreferi għall-applikazzjoni kontra l-konvenut tad-disposizzjonijiet ikkontemplati fl-artikolu 56 (illum 48) tal-Kap. 16 b'dan li però tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-subartikolu 48 (1) (b) u (ċ);

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut";

Il-konvenut ħassu aggravat b'din is-sentenza u wara li spjega dettaljatament l-aggravji tiegħu fil-petizzjoni ta' l-appell, huwa kkonkluda l-istess petizzjoni billi talab li dina l-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata:

"billi tbiddel l-istess sentenza fis-sens illi għar-raġunijiet dettaljati fuq bażi legali kif fuq deskritti, tikkonferma s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti kif indikati fl-ewwel żewġ talbiet ta' l-attriċi, però, bil-modi suġġeriti mill-konvenut appellanti għal dawk li huma tneħħija ta' kull forma ta' manteniment dovut lill-attriċi appellata *nomine* u għar-raġunijiet kif imfissra, kif ukoll fid-dawl tal-modifiki mitluba mill-istess konvenut appellanti fejn jirrigwarda r-raba' talba ta' l-attriċi rigwardanti x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u għal dawk li huma deċiżjonijiet rispettivi fuq it-talbiet kif fuq analizzati u kif magħmula oriġinarjament mill-attriċi appellata, inkluż il-ħames talba tagħha rigwardanti l-ispejjeż, u tilqa' din il-petizzjoni tal-konvenut appellanti, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata";

L-attriċi appellat inċidentalment unikament minn dik il-parti tas-sentenza fejn ġie ddikjarat li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment minħabba nuqqasijiet li għalihom ikkontribwew iż-żewġ kontendenti. L-attriċi ssottomettiet illi l-adulterju da parti tal-konvenut żewġha kien iddetermina ruħu qabel ma tfarrak iż-żwieġ irrimedjabbilment u anzi li proprju dan kien il-kawża tal-firda, u li għalhekk l-esponent ma għandha bl-ebda mod tinsab responsabbli għas-separazzjoni personali konsegwenti;

L-attriċi talbet li l-appell prinċipali jiġi riġettat bl-ispejjeż ta' din l-istanza u li s-sentenza appellata tal-25 ta' Mejju, 1993, mogħtija fil-kawża fl-ismijiet premessi, tiġi riformata billi jiġi ddikjarat li l-konvenut appellant kien unikament responsabbli għas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, filwaqt li tiġi kkonfermata l-istess sentenza fil-kumplament tagħha, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant;

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa li s-sentenza appellata kienet nulla minħabba li s-sentenza ġiet intestata illi ħarġet mill-Qorti tal-Kummerċ. L-appellant jibbaża dan l-aggravju fuq kopja informi li kienet disponibbli għalih qabel ġie intavolat l-appell. Korrettement l-appellant jikkwalifika dana l-aggravju tiegħu bħala:

"suġġett dejjem għal verifikazzjoni ta' l-oriġinal ta' din is-sentenza u l-kopja legali tagħha";

Effettivament, dan l-aggravju jirriżulta mhux fondat billi l-kopja legali tas-sentenza esebita fil-proċess tindika li dik is-sentenza ġiet pronunzjata mill-Qorti kompetenti, ċjoè l-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla;

It-tieni aggravju ta' l-appellant jikkonċerna il-kap ta' l-

ispejjeż. Huwa ssottometta li la darba l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li ż-żewġ partijiet kienu kkontribwew għat-tfarrik taż-żwieġ ma kienx ġust li l-konvenut jiġi addossat bl-ispejjeż kollha. Inoltre, huwa kkritika bħala inġusta r-raġuni li ngħatat mill-Ewwel Qorti għala sar hekk, u ċjoè li hija ma kinitx sodisfatta bil-mod kif xehed il-konvenut u minħabba li huwa kellu jiġi penalizzat billi ma kienx ħallas ebda manteniment għal tant żmien;

Illi qabel ma jiġi kkunsidrat dana l-aggravju, huwa opportun li l-Qorti tinvestiga l-appell inċidentali ta' l-attriċi appellata. L-attriċi qiegħda ssostni li kien proprju l-adulterju tal-konvenut li farrak iż-żwieġ u li għalhekk il-konvenut kien jaħti unikament għas-separazzjoni bejn il-konjuġi. Dina l-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha akkwiżiti fil-proċess u ma tarax li l-Ewwel Qorti waslet għal xi deċiżjoni skorretta fir-rigward ta' dana l-aspett tal-kawża. Infatti, din il-Qorti ukoll taħseb li ż-żewġ kontendenti għandhom ir-responsabbilità tagħhom x'jerfgħu fit-tfarrik ta' dana ż-żwieġ. L-attriċi, sfortunatament ippermettiet lill-missierha li jindaħlilha kontinwament f'diversi kwistjonijiet li jolqtu l-ħajja konjugali tagħha ma' żewġha. X'aktarx li l-attriċi ma ttendietx li dan l-indħil kontinwu kien qiegħed jgħarraq sistematikament ir-relazzjoni tagħha ma' żewġha. Min-naħa tiegħu, dana ħass ruħu li ma kien stmat xejn fid-dar u li hu kien utili biss biex iġib il-paga d-dar. Biż-żmien huma birdu lejn xulxin u l-konvenut beda jżomm lil martu nieqsa mill-flus neċessarji għall-ħajja. Eventwalment huwa tilef kull ħajra għax-xogħol u l-attriċi kellha tgħix u tgħajjex lill-ulied komuni bl-għajnuna soċjali;

Minflok ma kkomunikaw bejniethom b'mod san sabiex jippruvaw jidentifikaw ir-raġunijiet tal-kriżi matrimonjali tagħhom, il-konjuġi Tabone inħlew f'rikriminazzjonijiet reċiproċi u ma ħadux il-passi opportuni sabiex jippruvaw jirrimedjaw għas-sitwazzjoni xejn feliċi tagħhom;

L-inċident li wassal għall-firda *de facto* tal-konjuġi Tabone seħħ għall-ħabta tas-sena 1984, meta l-konvenut ried jemigra bil-familja tiegħu lejn l-Awstralja. Ried jagħmel hekk kemm biex jeħles mill-indħil tal-familja tal-mara u kemm ukoll għax ħass li hemmhekk kellu futur aħjar fuq xogħol. Huwa kellu jħassar il-pjanijiet kollha tiegħu f'dan ir-rigward billi martu ħadet il-parir ta' missierha u opponiet dana l-pjan ta' żewġha. Il-perit legali jiddeskrivi l-aħħar inċident bejn il-konjuġi hekk:

"L-aħħar inċident qabel ma telaq mid-dar (għall-ħabta ta' l-1984) kien proprju meta għat-tielet darba kien ipprova jipperswadi lil martu titla' miegħu l-Awstralja. F'ġurnata minnhom ġie missierha d-dar, ta daqqa ta' ponn fuq il-mejda u qal lil bintu l-Awstralja ma tmurx, ma' missierha kienu ġew ukoll tlett uliedu subien li kienu hebbew għalih. Il-konvenut, għalhekk, tilef kull ħeġġa għal martu u x-xogħol u qabad u telaq 'il barra";

Din il-Qorti jidhrilha li r-relazzjoni adulterina li l-konvenut qabad ma' E ma kinitx il-kawża tat-tfarrik taż-żwieġ tal-kontendenti, iżda kienet sintomu drammatiku tat-tfarrik ta' dak iż-żwieġ, li kien diġà seħħ qabel kronoloġikament. Jidher li l-konvenut sab f'din il-persuna dak kollu li xtaq li jkollu f'martu. Magħha bena familja ġdida u minnha kellu żewġt itfal. Naturalment din ir-relazzjoni irregolari eliminat għal kollox kwalunkwe possibbilità ta' xi rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;

Din il-Qorti, bħal l-għaref Perit Legali u l-Ewwel Onorabbli Qorti tħoss, għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza appellata li ż-żewġ kontendenti kkontribwew b'mod indaqs għat-tfarrik taż-żwieġ u għalhekk l-appell inċidentali ta' l-attriċi appellata ma jistax jiġi milqugħ;

La l-Qorti waslet għal din il-konklużjoni, hija taħseb li t-tieni aggravju ta' l-appellant huwa, sa ċertu punt, ben motivat. Infatti, f'ċirkostanzi normali, ir-responsabbiltà għall-ispejjeż tal-kawża ġeneralment issegwi u tirrifletti r-responsabbiltà għall-firda. Però, f'dan il-każ din il-Qorti ma tistax tiskarta l-fatt li l-konvenut ma jistax jingħad li mexa sewwa meta, għal snin sħaħ, naqas mid-dmir ewlieni tiegħu li jaħseb għall-manteniment adegwat għall-uliedu billi mmanuvra sitwazzjoni ta' prekarjetà biex jevita dana *l-obbligu*. Huwa xieraq *li* dana *l-*aspett ukoll ikollu rifless fil-kap ta' l-ispejjeż. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti jidhrilha li tkun ħafna ġusta u ekwa li jkun hemm temperament f'dan il-kap ta' l-ispejjeż, kif sejjer isir fid-decide ta' din is-sentenza;

It-tielet aggravju tal-konvenut appellant jikkonċerna d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li kkundannatu jħallas lill-attriċi manteniment għaż-żewġ uliedu minuri, fis-somma ta' erbgħin lira fil-ġimgħa. L-appellant sostna li din id-deċiżjoni kienet *ultra vires* billi fiċ-ċitazzjoni ma saret ebda talba biex il-minuri jingħataw manteniment u inoltre u fi kwalunkwe każ huwa mhux qiegħed jaħdem u ma jista' jħallas ebda manteniment għall-uliedu;

Effettivament, l-att taċ-ċitazzjoni ma jikkontjeni ebda talba sabiex il-konvenut ikun ikkundannat li jħallas manteniment għall-minuri tal-kontendenti nonostante li l-attriċi talbet (fit-tielet domand) li tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tagħhom. Dana l-fatt jidher li sfuġġa kemm lill-perit legali u kemm ukoll lill-Ewwel Qorti. Infatti, fis-sentenza jingħad skorrettement li l-attriċi:

"għamlet ukoll talba dwar il-kura u l-manteniment ta' l-ulied";

Nonostante li ma kien hemm l-ebda talba *ad hoc* fl-att taċ-ċitazzjoni, din il-Qorti taħseb li xorta waħda l-Ewwel Qorti jidher li kellha s-setgħa li tipprovdi għall-manteniment tal-minuri. Dana joħroġ minn interpretazzjoni liberali ta' l-artikolu 56 (3) tal-Kodiċi Ċivili u jiddisponi hekk:

"Il-Qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, sakemm fl-azzjoni għaliha ma tkun saret ebda talba dwar il-kustodja ta' l-ulied";

Din il-Qorti taħseb li la darba l-Qorti ngħatat espressament bil-liġi din is-setgħa li tipprovdi dwar il-kustodja ta' l-ulied, anke fin-nuqqas ta' talba *ad hoc*, allura isegwi li l-istess Qorti għandha ukoll neċessarjament is-setgħa li tipprovdi għall-manteniment tal-minuri mingħajr talba *ad hoc*. Dana billi, sprovvist minn tali manteniment, f'ħafna każi l-provvediment dwar kura u kustodja tal-minuri jkun, tista' tgħid, kompletament ineffikaċi fil-prattika;

Il-Qorti, però, jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi attwali it-tielet aggravju hemm lok li jintlaqa', mhux a bażi li ngħata *extra petita* iżda għaliex fiċ-ċirkostanzi ta' llum ma hemmx lok li l-attriċi tingħata ebda manteniment għal uliedha. Infatti, ta' min jirrileva f'dan il-kuntest li jirriżulta li waħda mit-tfal illum hija maġġorenni waqt li t-tifel l-ieħor qiegħed jieħu ħsiebu missieru;

Infatti, jirriżulta mill-verbal irreġistrat fl-udjenza ta' l-20 ta' Marzu, 1996, li t-tifla illum għandha għoxrin sena u li din ilha taħdem sa minn mindu kellha sittax-il sena, waqt li t-tifel illum għandu sbatax-il sena u ilu mis-sena 1993 jgħix ma' missieru l-konvenut. Konsegwentement l-appellant għandu jkollu l-kura u l-kustodja ta' ibnu b'applikazzjoni ta' l-imsemmi artikolu 56 (3) tal-Kodiċi Ċivili;

L-aħħar aggravju ta' l-appellant jikkonċerna l-mod kif ġiet xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti partikolarment fejn ikkundannatu jħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm600 għall-oġġetti dotali li nbiegħu waqt iż-żwieġ kif ukoll is-somma ta' Lm800 li tikkorrispondi għal nofs il-valur tal-karozza u ta' l-istereo li żamm il-konvenut. L-appellat argumenta li llum il-Fiat 128 li għandha numru ta' snin, tista' tgħid għandha biss *scrap value*, jiġifieri mingħajr valur fis-suq, filwaqt li l-*video equipment*, m'huwa fil-fatt *video equipment* xejn imma huwa sempliċi *stereo* li qiegħed fil-pussess ta' iben il-konvenut. L-appellant ikkritika l-ammont ta' Lm800 likwidat mill-Qorti u sostna li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni l-għala huwa għandu jħallas din iċ-ċifra ta' Lm800;

Illi dawn iċ-ċifri ġew likwidati mill-għaref Perit Legali, fir-relazzjoni li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Novembru, 1992. Fin-nota ta' kritika li għamel il-konvenut, u li fiha sitta u tmenin (86) faċċata, ftit li xejn ma hemm kritika soda għall-konklużjonijiet peritali dwar il-komunjoni u l-proprjetà parafernali. L-Ewwel Qorti dehrilha li kellha tagħmel tagħha dawn il-konklużjonijiet peritali u din il-Qorti ma tħossx li nġiebet xi raġuni soda fil-petizzjoni ta' l-appell għala għandha tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Għalhekk dana l-aggravju ma jistax jiġi aċċettat;

Għal dawn il-motivi;

Prevja li tiċħad l-appell inċidentali intavolat mill-attriċi appellata, tilqa' l-appell tal-konvenut fis-sens premess u għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi riferibbilment għat-tielet domanda tastjeni milli tipprovdi dwar il-kura u l-kustodja tat-tifla billi llum din hija maġġorenni u riferibbilment għat-tifel, tafda l-kura u l-kustodja tiegħu lill-konvenut appellant u tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li

kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi bħala manteniment għall-minuri s-somma ta' erbgħin (Lm40) lira fil-ġimgħa u tikkonferma l-provvedimenti l-oħra kontenuti fis-sentenza appellata ħlief dwar il-kap ta' l-ispejjeż;

L-ispejjeż, kemm tal-prim'istanza u kemm ta' dina l-istanza, għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti, ħlief li d-drittijiet tar-reġistru għandhom jitħallsu kollha mill-konvenut appellant u b'dana iżda li d-drittijiet a spejjeż kollha konnessi u relattivi għall-appell inċidentali intavolat mill-attriċi għandhom ikunu kollha a karigu tagħha;

Fl-aħħarnett tordna li kemm it-tieni (2) domanda u kemm ukoll il-ħames (5) domanda m'għandhomx jiġu ntaxxati bħala domandi separati billi ma kien hemm l-ebda ħtieġa li dawn id-domandi jiġu enumerati bħala domandi separati fl-att taċ-ċitazzjoni.